MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tad-9 ta' Settembru, 2008

Numru 841/2006

IL-PULIZIJA
SPETTUR BERNARD SPITERI
VS
ABOUBAKER ELMEKSAWI ABDUSSAIAM

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Aboubaker Elmeksawi Abdussaiam, ta’ 26 sena iben Abdul Salem u Salma nee’ Salem imwieled Tripoli Libja fil-1 ta’ Jannar 1980, residenti Twara Court Flat 8 Triq Moroni Gzira u detentur ta’ karta ta’ Identita’ bin-numru 32990A. Omar Ali Masoud ta’ 27 sena iben Ali u Aixa imwieled fis-27 ta’ Mejju 1979 Gharian Libja passaport numru 060720/2002 residenti St. Peter Flt 8 Triq San Pietru Sliema.

Illi huma akkuzati talli f’dawn il-Gzejjer, nhar it-8 t’Awissu 2006 ghal habta tal-hdax ta’ bil-lejl, gewwa l-klabb tal-Bocci ta’ San Gwann, u fi Triq il-Kappella, San Gwann, u/jew fil-vicinanzi;

(1) ingurjaw, heddew jew ghamlu offiza fuq il-persuni ta' PC 144 S.Persiano u PC 343 G.Carabott, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghuhom jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-Artiklu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) attakkaw jew ghamlu resistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra PC 144 S.Persiano u PC 343 G.Carabott, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti, u dan bi ksur tal-Artiklu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(3) ikkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-gisem ta' PC 144 S.Persiano u PC 343 G.Carabott, skond kif certifikat mit-tabib Dr Robert Patiniott M.D. tal-Floriana Health Centre, u dan bi ksur tal-Artiklu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(4) volontarjament kissru l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, u dan bi ksur tal-Artiklu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(5) ma obdewx l-ordnijiet legittimi ta' PC 343 G.Carabott, PC 144 S.Persiano, PC 942 S. Chircop u PC 155 C.Charlton, persuni nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallewx jew fixkluhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'mod iehor, bla jedd, indahlu fi dmirijiethom billi ma hallewx lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor, u dan bi ksur tal-Artiklu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
(6) Fil-konfront ta' Aboubaker akkuzat wahdu talli rrenda ruhu recediv b'sentenza tal-Qorti fil-31 ta' Dicembru 2001 , quddiem il-Magistrat Dr. Tonio Micallef Trigona, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula

Semghet ix-xhieda bil-gurament

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali u dak ta’ l-imputat sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja

Rat is-sentenza taghha tal-25 ta’ Awissu 2006;

Semghet it-trattazjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi mix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni jirrizulta illi bejn it-8 u d-9 ta’ Awissu 2006 certu Roderick Tanti kien ghamel rapport illi tlett zghazagh Gharab kienu marru l-Club tal-Bocci ta’ San Gwann (gestit minnu) fejn kienet qed tinzamm funzjoni privata u riedu jidhlu bilfors. Tanti biex jipplakhom tahom permess illi jixtru il-birra izda anki wara dan, it-tlett zghazagh qabdu kwistjoni man-nies migbura u spiccaw li bdew jiggaraw flixken tal-birra lejn il-club. Gew imsejha l-Pulizija tad-Distrett u l-Mobile Unit. Kif l-Pulizija avvicinaw, dawn iz-zghazagh harbu minn fuq il-post u l-Pulizija segwiethom sakemm intercettawhom.

Waqt l-arrest ta’ l-imputati wegghu zewg membri tal-Pulizija.

L-imputat Omar Ali Masoud ammetta fil-mori tal-kawza u gie sentenzjat.

L-imputat, Aboubaker rrilaxxa stqarrija Dok.CA2. Giet ezebita wkoll il-fedina penali tal-imputat Aboubaker Dok.CA3 a fol.29. Ic-certifikati medici tal-Pulizija li wegghu waqt l-arrest tal-imputati gew ezebiti Dok.CAA u Dok.CA8

PS 1244 Nikolai Sant gharaf lill-imputat u ezebixxa l-okkorrenza Dok.PS a fol. 42. Ikkonferma illi l-Pulizija taw liz-zewg imputati diversi ordnijiet biex jieqfu izda dawn ma obdewx u waqfu biss meta gew intercettati fizikament mill-Pulizija. Fl-okkorenza gie indikat illi vettura tal-Pulizija garbet xi hsarat u wegghu zewg membri tal-Pulizija.

PC 343 Glenn Carabott, a fol.45 ikkonferma x-xhieda ta’ l-Ispettur Abdilla li a fol.46 indika lill-imputat Aboubaker

bhala l-persuna li ghamillu il-feriti ta' natura hafifa fuq idejh. In kontro ezami pero' ma setghax jghid kienx l-imputat Omar jew Aboubaker jew it-tnejn li wegghuh. (xhieda pagna 46 u 47)

PC 155 Charlton Scerri kkonferma li zewg imputati ma obdewx l-ordnijiet tal-Pulizija, li z-zewg imputati rresistew l-arrest u li l-imputat agredixxa lil membru tal-Pulizija. Di piu' xhed illi l-imputati bdew jheddu lil Pulizija li jpattuwielhom.

Spettur Sandro Zarb ezebixxa sentenza Dok.SZ a fol.63 et seq. li gharaf lill-imputat Aboubaker.

PC 533 ikkonferma li kien xhud ta' l-istqarrija tal-imputat Aboubaker Dok.CA1

PC1061 ikkonferma li l-imputat Aboubaker agredixxa lill-kollega tieghu f'siequ (fol.70) waqt li dan kien qieghhed jarresta liz-zewg imputati.

Dr. Robert Patinott kkonferma li PC 343 Glen Carabott kellu griehi ta' natura hafifa f'idejh.

PC1130 Bjorn Sammut tal-Mobile Unit ikkonferma li hu wassal lill-imputat il-lock-up wara li dan gie detenut mill-Pulizija.

PC942 Saviour Chircop xhed illi l-imputat Aboubaker;

*"Kien agressiv hafna fil-konfront ta' PC 144 waqt l-arrest u infatti wegga…"* (fol.79)

Roderick Tanti a fol.81 et seq. kkonferma r-rapport li kien ghamel mal-Pulizija fuq l-imputati. Xhed li dakinhar kien hemm funzjoni privata li l-imputat u shabu riedu jidhlu jixorbu l-birra xorta wahda. Illi sabiex ma jinqalax inkwiet l-imputati gew mghoddija l-birra pero' xorta regghu ppretendew li jidhlu u jigu servuti aktar birra.

Illi n-nies migbura bdew jghajjtu maghhom u l-imputati spiccaw hargu barra jiggieldu u jitfghu bottijiet u siggijiet. Tanti cempel ghall-assistenza tal-Pulizija.

Tanti gharaf lill-imputat bhala il-persuna li dahlet il-hanut.

Lynn Tanti fol.84 xhedet illi kienet ghamlet party ghar-ragel taghha f'gheluq sninu u l-Club tal-Bocci ma kienx miftuh ghal pubbliku. Xhedet illi kien dahal persuna ta' Nazzjonalita' Gharbija uriha ID card u qalilha li kien Malti u li hi kellha ttieh x'jixrob bilfors. Illi sabiex jipplakaw xi hadd newwillu l- birra.

Lynn Tanti xhedet illi l-imputat hareg barra u beda jiggara siggijiet u li zewgha spicca li nlaqat f'wiccu minn bott.

PC144 Sergio Persiano (fol.87) xhed illi wara li accedew il-Club tal-Bocci u bdew isegwu lill-imputati, l-imputat Aboubaker irrezizta l-arrest u li hu waqa ma' l-art u wegga rkuptejh.

Xhed illi dam aktar minn xahar ma jmur xoghol u kien jehtieg illi ssirlu operazzjoni. Ezebixxa certifikat Dok.PC1 sa Dok.PC5.

Il-konsulent Sciberras kkonferma l-griehi li garrab PC 144 u c-certifikati Dok.PC1 sa Dok.PC5

Ikkonsidrat;

Illi mill-provi fuq esposti jirrizulta kiarament illi l-imputat Aboubaker flimkien mas-sentenzjat Omar Ali Masoud dahlu fil-Club tal-Bocci u ppretenda li jixtri bibiti avolja gew infurmati li kien hemm funzjoni privata. Illi minkejja li gew mghoddiha il-birra dawn hargu barra u bdew jixthu fliexken, bottijiet u siggijiet lejn il-Club. Meta waslu l-Pulizija, segwewhom kemm bil-pass kif ukoll bil-vettura. Minkejja l-istruzzjonijiet mghotija mill-Pulizija, l-imputati baqghu jigru sakemm gew intercettati fizikament.

Illi waqt l-arrest wegghu zewg membri tal-Pulizija.

Illi minkejja dak li gie sollevat mid-difiza fit-trattazzjoni u cioe illi l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova illi l-imputat Aboubaker kien filfatt involut fil-manjiera illi fiha kienu wegghu zewg membri tal-Pulizija, din il-Qorti wara li fliet bir-reqqa x-xhieda kollha kif fuq diga' spjegat, bl-ebda mod ma tista' takkolji dak sollevat mid-Difiza. Dana il-ghaliex ghalkemm Glen Carabott fil-bidu tat-testimonjanza tieghu, xhed li kien Aboubaker li agredih, in kontro ezami deher li ma kienx cert u qal li setghu kienu t-tnejn, **izda PS 942 Saviour Chircop fol.79 kien kategoriku li kien l-imputat Aboubaker li wegga lil PC 144. Di piu' PC 1061 ukoll ikkonferma li Aboubaker kien wegga lill-istess PC 144.**

Illi din il-Qorti wara li fliet bir-reqqa ix-xhieda tal-konsulent Sciberras u l-perijodu taz-zmien illi fih PC 144 baqa konvalexxenti mill-griehi li sofra, taghraf illi seta' kien hemm lok ghal akkuza ta' griehi ta' natura gravi izda f'ebda mument ma saret talba mill-Prosekuzzjoni ghal korrezzjoni ulterjuri fl-akkuza. Certament mill-provi li hemm jirrizultaw griehi ta' natura hafifa fil-konfront ta' l-imputat Aboubaker.

Illi ghal rigward l-akkuza tar-resistenza da parti ta' l-imputat lil Pulizija fil-mument ta' l-arrest kif ukoll ghall-akkuza ta' nuqqas ta' obbidjenza ghal ordnijiet legittimi tal-Pulizija, l-Qorti taghraf illi l-Prosekuzzjoni resqet provi skjaccanti fuq iz-zewg akkuzi.

Illi ghalkemm mhux il-membri tal-Pulizija kollha affermaw li l-imputati heddew lil Pulizija, **x-xhieda ta' PC 155 Charlton Scerri kategorikament iddikjara li l-imputati heddew lill-Pulizija li ser jpattuwielhom.**

L-akkuza ta' recidiva hija pprovata skond il-Ligi permezz ta' sentenza Dok.SZ u xhieda tal-Identita' ta' l-Ispettur Zarb.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza bit-tielet akkuza b'assorbiment ta' l-ewwel akkuza ai fini ta' piena u wara li rat Artikoli 95, 96, 221, 338dd, 338ee, Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat ghal prigunerija ta' sitt xhur li minnhom irid jitnaqqas iz-zmien li l-imputat ghamel f'arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------